# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 34**

**Rikors numru: 234/2020/1 AF**

**Salvatore Boni u martu Josephine Boni**

**v.**

**Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru Responsabbli għas-Saħħa, l-Avukat tal-Istat u Anna Falzon**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Salvatore Boni u martu Josephine Boni u appell inċidentali imressaq minn Anna Falzon, minn sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), permezz ta' liema (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u ddikjarat illi l-konvenuti Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei huma

leġittimi kontraditturi fil-proċeduri odjerni, iżda laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu; (ii) ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Anna Falzon, u ddikjarat illi l-konvenuta Falzon hija wkoll l-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni, iżda laqgħet l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-istess Anna Falzon; (iii) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Avukat tal-istat u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju; (iv) ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi in kwantu ma riskontrat l-ebda vjolazzjoni tal-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni, u tal-Artikoli 32(Ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u (v) ordnat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar 2016, l-appellanti tilfu lit-tifla tagħhom, Johanna Boni illi mietet f'inċident stradali wara li ġiet mgħaffġa minn trakk waqt li kienet qiegħda ssuq il-mutur tagħha ġewwa n-Naxxar għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (9:00am).

3. L-appellanti kienu ġew infurmati bil-mewt ta' binthom telefonikament, u sussegwentament qabdu l-ewwel katamaran disponibbli lejn Malta.

4. Mal-wasla tagħhom f'Malta, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2:00pm) ġew infurmati illi l-katavru ta' binthom kien jinsab ġewwa l-kamra mortwarja.

5. L-appellanti tħallew jaraw il-katavru minn wara ħġieġa u l-għada nhar is-sitta (6) ta' Jannar 2016, reġgħu marru l-kamra mortwarja sabiex jagħmlu l-identifikazzjoni ta' binthom fejn l-appellanta Josephine Boni ddikjarat illi ma kienx hemm il-bżonn li jssir 'DNA test' għaliex Johanna setghet tiġi identifikata. Wara li saret l-identifikazzjoni, il-koppja tħallew għal xi ħin ħdejn il-katavru ta' binthom. Minkejja li r-rikorrenti setgħu jaraw li binthom kellha l-grif taħt idejha l-leminija, tbenġil u kif ukoll marki tat-'tyre', huma kkonfermaw li mill-bqija, il-ġisem tagħha kien intatt.

6. Sussegwentement il-koppja ingaġġaw lil Anna Falzon bħala l-kummissjonanta tal-funeral ta' binthom fejn tawha struzzjonijiet ċari rigward l-ilbies li xtaqu jlibbsuha għall-aħħar tislima tagħha u eventwalment għad-difna tagħha.

7. L-appellanta Josephine Boni fis-seba' (7) ta' Jannar 2016 xtrat l-abbiljament kollu ta' bintha. Lejliet il-funeral li sar nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 2016, Anna Falzon kienet qalet lir-rikorrenti sabiex ma jiftħux it-tebut għar-raguni li binthom kellha diversi ġrieħi minħabba l-inċident.

Dakinhar tal-funeral, it-tebut baqa' ma nfetaħx. Bint l-appellanti sussegwentement indifnet ġewwa qabar fiċ-ċimiterju tal-Mosta.

8. Tliet snin wara u ċjoè f'Jannar tas-sena (2019) miet missier Josephine Boni u l-appellanti niżlu Malta sabiex jattendu għall-funeral ta' missier l-appellanta.

9. Peress illi l-qabar, li fih kienet midfuna binthom u li eventwalment kellu jindifen fih missier l-appellanta, huwa qabar li jappartjeni lill-familja u jiflaħ ammont limitat ta' persuni fih, qabel id-dfin ta' missier l-appellanta, l-appellanti ddecidew li jinfetaħ it-tebut ta' binthom Johanna sabiex il-fdalijiet tagħha, jitpoġġew ġewwa kontenitur li jieħu spazju iżgħar fil-qabar, kif hija l-prassi.

10. Ġara illi meta r-rikorrenti fetħu t-tebut tar-rikorrenti, b'xokk kbir għalihom skoprew illi binthom Johanna minflok ġiet mlibbsa l-ħwejjeġ li kienu nxtraw minnhom, kienet tinsab ġo borża tal-'*plastic'*, '*body bag'* sewda, bl-ilbies fil-qiegħ tat-tebut maġenb il-ġisem ta' binthom.

11. Il-koppja iffotografaw dak li raw (ara r-ritratti annessi u mmarkati ma' dan ir-rikors bħala Dok. A).

12. Sussegwentement permezz ta' protest ġudizzjarju datat 26 ta' Frar 2019 (kopja tal-protest ġudizzjarju anness u mmarkat bħala Dok. B), l-appellanti interpellaw lill-intimati sabiex immedjatament jirrimedjaw is-sitwazzjoni.

13. L-intimata Anna Falzon baqgħet inadempjenti, filwaqt li l-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti responsabbli għas-Saħħa (ta' dak iz-zmien) wieġbu permezz ta' kontro-protest datat 8 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu ċaħdu kull responsabbiltà.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

14. Permezz ta' rikors intavolat nhar l-20 ta' Ottubru 2020 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellanti talbu lill-Ewwel Qorti: (i) tiddikjara illi d-difna mill-aktar inumana, degradanti u kontra kull dekor u deċenza ta' bint ir-rikorrenti seħħet minħabba l-aġir u/jew n-nuqqas tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom; (ii) tiddikjara li dan l-aġir jilledi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, senjatament l-Artikoli 32(Ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni Ewropea

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; (iii) tordna sabiex il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom, jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi l-katavru ta' bint ir-rikorrenti tingħata difna kif titlob id-diċenza u d-dekor u *multo magis* kif titlob ir-Reliġjon Kattolika Rumana; (iv) tiddikjara li r-rikorrenti sofrew dani morali minħabba l-aġir u/jew in-nuqqas tal-intimati; (v) tillikwida danni morali hekk kif sofferti mir-rikorrenti; (vi) tordna lill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom, sabiex iħallsu d-danni morali sofferti mir-rikorrenti hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

15. Permezz ta' risposta konġunta datata 13 ta' Novembru 2020, l-intimati Ministru responsabbli għas-Saħħa u Celia Falzon fil-kapaċità tagħha ta' Kap Eżekuttiv ta' Mater Dei fuq bażi preliminari eċċepew: (i) illi huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi fil-proċeduri odjerni, *stante* li huma m'għandhomx kontroll fuq id-dfin *per se*, u lanqas m'għandhom kontroll u għarfien dwar l-arranġamenti li saru bejn l-appellanti dak iż-żmien rikorrenti u l-intimata Anna Falzon dwar l-ilbies li kellhom jitlibbsu lil binthom.

16. Fil-mertu, filwaqt illi rrespinġew l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors maħluf, *stante* li dawn huma għalkollox infondati kemm fil-fatt u fid-dritt, sostnew ukoll illi la l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater

Dei u wisq anqas l-Ministru responsabbli għas-Saħħa ma jistgħu qatt jitqiesu responsabbli għall-fatti allegati fir-rikors odjern ġaladarba huma ma jkollhomx aċċess u/jew kontroll fuq dak li jkun qiegħed isir da parti tal-kummissjonanta fil-mortwarju u li difatti l-esponenti saru jafu bil-każ meta dawn feġġew fuq il-midja. B'rabta mat-tieni talba tal-esponenti jiddikjaraw minnufih li huma ma kisru l-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'dana illi ma seħħet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-rikorrenti, it-talbiet għal rimedju effettiv għandhom ukoll jiġu miċħuda.

17. Il-konvenuta Anna Falzon permezz tar-risposta tagħha eċċepiet illi: (i) It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez għas-segwenti raġunijiet; (ii) *in linea* preliminari eċċepiet illi hi mhijiex il-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni *stante* li bid-dovut rispett mhuwiex l-oneru tagħha li taċċerta u tissalvagwardja d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti liema obbligu huwa obbligu esklussivament tal-Istat. Fil-mertu sostniet illi hi tiċħad u tirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha magħmula fil-konfront tagħha u tirrileva li bħala kummissjonant, hi qatt ma tlibbes il-katavru meta dan ikun ġewwa l-mortwarju tal-isptar stante li f'tali ċirkostanzi l-katavru jkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istat u hi bhala kummissjonant lanqas ikollha awtorizzazzjoni sabiex tidhol fil-kamra mortwarja u tant anqas id-dritt li

tmiss il-katavru. Żiedet illi t-tebut kien gie ssigillat mid-dipendenti tal-Isptar Materi Dei li jahdmu fil-kamra mortwarja qabel dan inħareġ mill-kamra mortwarja għal ġol-kamra esterna.

18. L-Avukat tal-Istat li permezz tar-risposta tiegħu *in linea* preliminari u *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċepixxa illi: (i) mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, saħaq illi l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex issib li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali. Żied illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddikjara li hemm xi ksur tal-Artikolu 32(Ċċ) tal-Kostituzzjoni u dan *stante* li fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni "mhuwiex qieghed jigi stabbilit xi dritt li, bil-vjolazzjoni tieghu, ikun hemm ksur ta` jedd fundamentali tutelat bil-Kostituzzjoni."

19. B'sentenza datata 5 ta' Ottubru 2023, l-Ewwel Qorti, filwaqt illi: (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu; (ii) ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Anna Falzon iżda laqgħet l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-istess Anna Falzon; (iii) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut

Avukat tal-istat u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju; (iv) ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi in kwantu ma rriskontrat l-ebda vjolazzjoni tal-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni, u tal-artikoli 32(ċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u (v) ordnat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri.

**Ċ. L-Appell:**

20. L-appellanti ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw appell nhar il-25 ta' Ottubru 2023 u talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru 2023 u tilqa' t-talbiet tal-appellanti atturi.

21. L-Avukat tal-Istat wieġeb għall-appell permezz ta' risposta datata 6 ta' Novembru 2023 u sostnew illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda ġusta u timmerita illi tiġi konfermata fl-intier tagħha. Jargumenta illi l-aggravji tal-appellanti mhumiex indirizzati lejh u fil-fatt ma tressaq l-ebda aggravju rigward il-kap tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imsemmi Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju u saħaq illi hu ġie mħarrek inutilment. Żied illi filwaqt illi huwa ma jara l-ebda inkonsistenzi fis-sentenza appellata, il-*policies* li saret referenza għalihom, ma nħarġux mill-Avukat tal-Istat, b'dana illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti.

22. Permezz ta' risposta konġunta l-Ministru Responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei datata 7 ta' Novembru 2023, qalu illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita illi tiġi kkonfermata, *stante* illi mill-provi kollha prodotti rriżulta illi ma ġew leżi l-ebda drittijiet fundamentali tal-appellanti. Żiedu illi filwaqt illi ċ-ċirkostanzi li affaċċjaw l-appellanti wara l-mewt ta' binthom, wasslithom sabiex isofru, ma jistax jingħad illi ġew trattati b'mod inuman u degradanti, illi lanqas ma rriżulta xi ksur ta' xi protokolli ta' proċedura li trid tiġi segwita mill-kamra mortwarja. Jikkontendu wkoll illi minn imkien ma jirriżulta illi kien hemm xi apprezzament ħażin tal-provi prodotti u mix-xhieda tal-addetti tal-kamra mortwarja ħareġ illi l-katavru ma setax jitlibbes.

23. L-intimata Anna Falzon, wieġbet għall-appell tal-konjugi Boni permezz ta' risposta datata 17 ta' Novembru 2023, u avveliet ruħha mill-fakoltà illi tintavola appell inċidentali. Sostniet illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija sostanzjalment ġusta u għandha biss tiġi riformata għal dik il-parti fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tagħha, b'dana illi l-appell interpost mill-appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjes. Permezz tal-appell inċidentali, hija sostniet illi hi kellha biss rabta kuntrattwali mal-appellanti, li l-aktar li tista' twassal hija għall-kawża ċivili u mhux għall-kawża fejn qegħdin jiġu allegati leżjonijiet kostituzzjonali u għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Iżżid illi l-kwistjoni odjerna hija bejn l-Istat u l-appellanti, b'dana illi hi m'għandha x'taqsam xejn.

24. Permezz ta' risposta datata 7 ta' Diċembru 2023, il-Ministru Responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, wieġbu għall-appell inċidentali ta' Anna Falzon, sostnew illi l-appell ta' Falzon mhuwiex wieħed mistħoqq. L-Avukat tal-Istat permezz ta' risposta datata 7 ta' Diċembru 2023 jgħid illi Anna Falzon hija l-leġittima kontradittriċi fil-kawża odjerna u l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet din l-eċċezzjoni.

25. L-appellanti wkoll wieġbu għall-appell inċidentali ta' Anna Falzon permezz ta' risposta datata 13 ta' Frar 2024, u sostnew illi l-preżenza ta' Anna Falzon f'din il-kawża hija indispensabbli għall-kompletezza tal-ġudizzju anke għaliex għandha interess dirett fl-azzjoni ġudizzjarja b'dana illi l-eventwali ġudizzju jista' jħalli impatt dirett fuqha u jew fuq xogħolha.

26. Din il-Qorti ser tgħaddi billi l-ewwel sejra tindirizza l-appell inċidentali intavolat minn Anna Falzon.

*L-Appell Inċidentali:*

27. L-appell inċidentali ta' Falzon jirrigwarda biss dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ta' Falzon, u ċjoè,

illi hi ma kinitx il-leġittima kuntradittriċi f'dawn il-proċeduri. Fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, *in linea* preliminari, Falzon eċċepiet illi hi mhijiex il-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni *stante* li mhuwiex l-oneru tagħha li taċċerta u tissalvagwardja d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, obbligu li jappartjeni esklussivament lill-Istat b'dana illi hi ma tistax tinsab responsabbli fil-proċeduri odjerni u/jew wisq inqas tista' tirrimedja jew tiġi kundannata tħallas xi danni morali. Affermat illi l-kawża odjerna hija waħda li tfittex dikjarazzjoni għal-leżjoni ta' drittijiet fundamentali, u mhux waħda ta' inadempiment kuntrattwali u/jew ta' danni. Żiedet illi filwaqt li hemm sitwazzjonijiet fejn individwi privati jiġu involutu f'kawżi kostituzzjonali, fil-każ odjern il-kwistjoni hija kollha kemm hi bejn l-Istat u r-rikorrenti.

28. Min-naħa l-oħra, l-appellanti u l-Ministru Responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei sostnew illi l-appell inċidentali ta' Falzon mhuwiex wieħed mistħoqq, b'dana illi l-preżenza ta' Falzon fil-proċeduri odjerni huma indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju.

29. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Lanqas il-konvenuta Anna Falzon ma tista' targumenta li mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi. Jingħad dan għaliex kienet proprju hi illi ġiet kummissjonata mill-familjari tal-vittma sabiex tieħu ħsieb l-arranġamenti tal-funeral. Irriżulta wkoll illi għalkemm ma kellhiex aċċess għall-kamra mortwarja u lanqas ma kienet hi illi ħadet ħsieb tlesti l-katavru għad-difna, fl-istess waqt kienet hi illi għaddiet il-ħwejjeġ lill-addetti tal-kamra mortwarja u kienet hi ukoll li rċeviet l-informazzjoni li l-katavru ma kienx fi stat li seta' jiġi mlibbes. Jidher għalhekk evidenti illi*

*kien jinkombi fuqha li tgħaddi din l-informazzjoni lill-familjari tal-vittma. Għalhekk, jekk jirriżulta li da parti tal-konvenuta kien hemm xi nuqqas li ssarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali talatturi, ser tkun hi li twieġeb għal dan."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

30. Din il-Qorti tqis illi l-aggravju avvanzat minn Anna Falzon huwa mistħoqq.

31. O*rmai* huwa ben stabbilit illi fi proċeduri ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, biex il-ġudizzju jkun wieħed integru, jeħtieġ illi għall-kompletezza tal-ġudizzju tal-Qorti jipparteċipaw fih dawk kollha li huma interessati fil-kawża għaliex b'hekk biss jista' jiġi assigurat kemm jista' jkun ġudizzju effettiv. Dan jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta' multipliċità ta' proċeduri kontra l-persuni kollha interessati.[1]

32. Illum huwa wkoll ben aċċettat illi minkejja fl-eventwalità ta' sejbien ta' leżjoni ta' xi dritt jew drittijiet fundamentali mhuwiex iċ-ċittadin privat illi jiġi ordnat iħallas il-kumpens hekk ordnat u likwidat, rimedji oħrajn xorta jistgħu jolqtu liċ-ċittadin privat, u huwa proprju għalhekk li ċittadini privati jistgħu wkoll f'ċertu ċirkostanzi jkunu parti f'kawżi kostituzzjonali u dan irrispettivament minn min għandu jagħti rimedju. B'eżempju fil-kawzi tal-

[1] **Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Evelyn Montebello et vs Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Lulju 2018 u **Sam Bradshaw et vs l-Avukat Ġenerali** deċiża nhar it-18 ta' Marzu 2021.

kirjiet kontrollati l-inkwilin hu parti biex liġi li tiġi dikjarat bla effett tagħmel stat kontrih ukoll. Madankollu f'dan il-kaz il-konvenuta Falzon ma tweġibx għall-ksur ta' drittijiet fondamentali u ma hemm ebda interess li s-sentenza tagħmel stat kontriha. Ebda rimedju msemmi fil-paragrafu preċedenti ma jolqotha. Jekk l-appellanti Boni kellhom xi pretensjoni kontriha setgħu fetħu kawza ċivili.

33. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-appell ta' Anna Falzon *in toto.*

*L-Appell Prinċipali:*

32. L-appell prinċipali avvanzat mill-appellanti Boni jistrieħ fuq erba' (4) aggravji.

*L-Ewwel Aggravju u t-Tieni Aggravju:*

33. Permezz ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi prodotti u konsiderazzjoni ta' allegati fatti mhux ippruvati u li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet ibbażata fuq motivazzjoni żbaljata. Jaffermaw illi minkejja l-pożizzjoni difensjonali li ħadu l-Kap Eżekkuttiv ta' Mater Dei, il-Ministru Responsabbli għas-Saħħa u l-Avukat tal-Istat, il-ħaddiema li ħadmu fil-kamra mortwarja fil-jiem li fihom bint l-appellanti kienet tinsab fil-kustodja tagħhom,

ikkonfermaw illi l-katavru jiġi mlibbes esklussivament mill-addetti tal-kamra mortwarja u li dak iż-żmien *stante* li ma kien hemm l-ebda *supervisor*, il-ħaddiema aġixxew unilateralment u b'mod arbitrarju mingħajr ma nfurmaw lill-partijiet involuti. Iżidu illi l-ebda prova ma ġiet prodotta dwar il-ġrieħi li sofriet bint l-appellanti, li kienu tant gravi li l-persuna tagħha ma setgħetx titlibbes, anzi l-appellanti xehdu illi l-persuna tagħha kienet intatta meta raw il-katavru fil-kamra mortwarja. Jistqarru wkoll illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta indikat illi huma ma għamlux kontroeżami ta' Anna Falzon meta kienu huma li ressquha bħala xhud tagħhom. Lanqas ma jirriżulta mill-atti illi Falzon kienet dik li rċeviet l-informazzjoni li l-katavru ma setax jitlibbes fl-istat li kien, stante li l-ħaddiema tal-kamra mortwarja xehdu li ma kinux huma li tkellmu mal-familjari jew mal-kummissjonanta.

34. L-Avukat tal-Istat isostni illi minkejja li l-appellanti għamlu numru ta' sottomissjonijiet dwar l-apprezzament tal-provi jew dwar in-nuqqas ta' provi li ġew prodotti, ma ressqu l-ebda argumentazzjoni li għandha tikkonvinċi lil din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti. Jissenjala illi dana l-aggravju bħal kumplament tal-aggravji l-oħra mhuwiex indirizzat lejn l-Avukat tal-Istat u ma tressaq l-ebda aggravju minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li lliberat lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju.

35. Il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u l-Ministru Responsabbli għas-Saħħa b'referenza għal dan l-ewwel aggravju affermaw illi l-Ewwel Qorti kienet attenta fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-provi prodotti u xtarret il-provi kollha miġjuba quddiemha. Isostnu illi l-appellanti huma żbaljati meta jgħidu illi ma kienx hemm *supervisor* fil-kamra mortwarja fiż-żmien li kien hemm il-persuna ta' binthom, għaliex John Cassar, *supervisor* fil-kamra mortwarja xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi kien anke mar fuq il-post tal-inċident u dan fuq ordni tat-tabib, u li l-grieħi fuq il-katavru kienu tant gravi illi lanqas setgħu jidentifikaw jekk kienx raġel jew mara. L-appellanti jagħmlu wkoll referenza għal *policy* tas-sena 2005 li tirreferi għall-isptar San Luqa, mentri l-SOP tirrisali għas-sena 2016, u tirreferi għall-isptar Mater Dei, b'dana illi din tal-aħħar ma tirrestrinġix il-possibbiltajiet ta' meta katavru jista' jitpoġġa f'*body bag* iżda tagħti lok għal diskrezzjoni, u f'dan il-każ ma kienx possibbli illi l-ġisem jkun mlibbes. Żiedu illi minn imkien ma rriżulta li nkisru xi *policies* u jsostnu li kif xehed John Cassar, huma kienu nfurmaw lill-kummissjonanta illi l-katavru ma setax jitlibbes meta l-kummissjonanta ġabitilhom il-ħwejjeġ, u kien biss sabiex jiġi evitat iktar sofferenza lill-appellanti li ma nġabux provi tal-qagħda tal-katavru. Għalhekk kif korrettement rilevat mill-Ewwel Qorti, minkejja li anke jekk jagħti l-każ illi l-familjari ma ġewx infurmati bil-fatt li l-katavru ma ġiex imlibbes kif xtaqu huma, dan ma jwassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet protetti bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

36. Anna Falzon da parti tagħha rribadiet illi l-katavru kien taħt ir-responsabbiltà tal-Istat meta jkun ġewwa l-kamra mortwarja tal-isptar, b'dana illi fil-każ odjern hija ma setgħetx tkun taf jekk id-dipendenti tal-isptar libbsux jew le lill-persuna ta' bint l-appellanti, *stante* li t-tebut kien issiġillat. Żiedet illi għalkemm l-impjegati kollha tal-kamra mortwarja pruvaw jagħtu l-impressjoni li huma ikkomunikaw magħha, l-ebda wieħed minn dawn il-ħaddiema ma kkonferma li kien hu li tkellem ma' Falzon.

37. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Il-Qorti tifhem is-sofferenza li l-mewt tal-ulied iġġib fuq il-ġenituri. Tifhem ukoll l-impotenza li jħossu l-ġenituri f'każijiet bħal dak tal-lum fejn iċ-ċirkostanzi huma ferm diversi minn dawk f'każ ta' mewta naturali. Tifhem għalhekk illi f'dan il-każ il-ġenituri jistgħu iħossu illi ġew privati mill-jedd illi jidfnu lil binthom kif xtaqu u cioè liebsa l-ħwejjeġ li għażlu u pprovdew huma stess għall-okkażjoni in kwistjoni. Mill-banda l-oħra l-Qorti tifhem ukoll illi c-cirkostanzi tal-mewt traġika ta' Johanna Boni kkaġunaw ġrieħi tant gravi li ma ppermettewx illi l-katavru tagħha jiġi mlibbes.*
>
> *Wara li xtarret bir-reqqa x-xhieda tal-addetti għall-kamra mortwarja u dik ukoll tal-konvenuta Falzon fir-rigward ta' liema lanqas biss sar kontro-eżami, il-Qorti tqis illi anki jekk forsi l-familjari ma ġewx infurmati bil-fatt li Boni ma ġietx imlibbsa kif xtaqu huma, dan in-nuqqas mhux tali li jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi ai termini talArtikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Għall-kuntrarju, tqis illi tali ommissjoni ma kienitx ir-riżultat ta' xi nuqqas iżda sempliċement ġest ta' rieda tajba biex il-ġenituri ta' Boni li tant riedu li binthom tindifen fil-ħwejjeġ li pprovdew, jiġu evitati l-piena u weġgħa ulterjuri li jisimgħu li binthom lanqas biss setgħet titlibbes. Rigwardanti l-fatt li l-hwejjeg instabu f'rokna tat-tebut, il-Qorti tifhem illi verosimili li dawn kienu originarjament mifruxa fuq il-katavru u resqu lejn ir-rokna meta t-tebut tnizzel fil-qabar. Huwa ben maghruf li t-tebut ma jitnizzilx catt izda arbulat."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

38. Permezz ta' dana l-aggravju l-appellanti konjugi Boni sostanzjalment isostnu illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li nġiebu quddiemha, liema apprezzament żbaljat wassalha għall-konklużjonijiet żbaljati li inducewha sabiex konsegwentement tiċħad it-talbiet tagħhom. Jidher illi dana l-aggravju huwa bbażat fuq żewġ binarji b'dana illi minn qari approfondit tar-rikors tal-appell jidher illi fil-fehma tal-appellanti l-Ewwel Qorti għamlet: apprezzament żbaljat dwar id-deċiżjoni li l-katavru ta' bint l-appellanti ma jitlibbisx; u apprezzament ħazin tal-provi fir-rigward il-qagħda tal-katavru. Il-Qorti ser tgħaddi billi l-ewwel tindirzza dan it-tieni aspett.

39. Kif indikat mill-appellati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru Responsabbli għas-Saħħa, dan l-aggravju mhuwa xejn għajr kontinwazzjoni tal-argumenti avvanzati fl-ewwel aggravju tal-appellanti, l-appellanti jilmentaw illi teżisti inkongruwenza bejn il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti u d-deċiżjoni, b'dana illi ravviżaw raġunament illoġiku fid-deċiżjoni. Isostnu illi l-fatt li ġie determinat illi kien hemm ksur ta' *policies* ma jista' qatt jiġi ġustifikat għaliex dan sar b'rieda tajba. Iżidu illi huwa inkongruwu kif fis-sentenza filli jingħad illi ma rriżulta l-ebda ksur ta' protokoll, filwaqt li iktar qabel ingħad illi kien hemm ommissjoni li saret

b'rieda tajba. Da parti tagħhom l-appellati jaffermaw illi ma jistgħu jiġu ravviżati l-ebda inkongruwenzi jew inkonsistenzi fis-sentenza.

40. Tenut kont ta' din, din il-Qorti tqis illi s-segwenti konsiderazzjonijiet ser japplikaw kemm fir-rigward tal-ewwel aggravju u anke t-tieni aggravju.

*Apprezzament tal-provi dwar il-Qagħda tal-Katavru:*

41. Il-Qorti tibda billi tosserva illi ma ġewx prodotti wisq provi dwar il-qagħda tal-katavru, però fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa nuqqas tal-partijiet kollha involuti, inkluż l-appellanti, li bħall-intimati setgħu wkoll produċew xhieda sabiex jikkorraboraw dak li qiegħdin isostnu huma fl-affidavit tagħhom u fl-aggravji minnhom avvanzati fir-rikors tal-appell tagħhom.

42. L-appellanti jikkontestaw bil-qawwa il-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti għar-rigward il-qagħda tal-katavru ta' binthom. Il-Qorti tosserva illi kemm l-appellanti u kif ukoll l-appellati Ministru Responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, jaffermaw illi l-kontroparti naqset milli tipproduċi provi suffiċjenti fir-rigward ta' dak minnhom affermat fir-rigward tal-istat tal-katavru tal-vittma.

43. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti tal-proċeduri u rriżultalha illi fil-perjodu bejn is-6 ta' Jannar u d-9 ta' Jannar 2016 is-segwenti impjegati tal-kamra mortwarja kienu xogħol ċertu Anthony Camileri, John Cassar, Kenneth Ciantar, Clive Lanzon u Catrina Portelli u dana skont il-ġranet indikati fid-dokument a fol 54 tal-atti. Mill-atti jirriżulta illi l-imsemmija impjegati kienu kollha inġunti bħala xhieda quddiem l-Ewwel Qorti.

44. John Cassar fix-xhieda tiegħu *a fol 71 et seq.,* tal-atti, spjega illi l-istruzzjonijiet jingħataw mis-Sur David Grima, filwaqt li x-xhud imexxi lill-ħaddiema. Jidher illi dak iż-żmien ma kienx hemm *supervisor*, iżda kien ikun hemm *leading hand*, li ġeneralment kien ikun is-*senior attendant*, xogħol li normalment kien isir mill-imsemmi xhud. Mit-testimonjanza ta' Cassar jirriżulta b'mod pależi illi meta s-sitwazzjoni ma tippermettix illi katavru jiġi mlibbes, din tkun sitwazzjoni diffiċli għalihom u li normalment tali sitwazzjoni tirriżulta meta katavru jkun fi stat ta' dekompożizzjoni jew wara xi inċident ikrah. L-imsemmi xhud, u ċjoè John Cassar, kien ġie mgħajjat biex jaċċedi fuq il-post tal-inċident u dan fuq rikjesta tat-tabib, u hu flimkien mal-kollega Kenneth Ciantar, raw il-katavru fuq il-post. Fit-testimonjanza tiegħu spjega illi l-grieħi fuq il-katavru tant kienu gravi illi lanqas setgħu jidentifikaw jekk hux raġel jew mara. Żied illi din kienet sitwazzjoni kerha ħafna għaliex il-*crash helmet* kienet mgħaffġa. B'mod ġenerali x-xhud spjega illi jekk il-ġrieħi jkunu tant gravi, huma bħala ħaddiema tal-kamra mortwarja, ma jkunux jistgħu jlibbsuh. B'referenza

għall-każ odjern afferma illi biex ma libbisnihx f'dan il-każ, *"bilfors kien hemm is-sitwazzjoni gravi ħafna."*

45. In kontroeżami Cassar (ara fol 109 *et seq*.,) spjega illi d-deċiżjoni dwar jekk katavru jistax jitlibbes jew le, dan ittieħed mill-persuna li tkun *on duty.* Spjega wkoll illi l-kummissjonant mhux dejjem tkun rat il-ġisem, u li ħafna drabi toqgħod fuq li jgħidulha huma. Min-naħa 'l oħra l-appellanti fl-affidavit rispettivi tagħhom a fol 42 *et seq.*, isostnu illi fil-5 ta' Jannar 2016, tħallew jaraw il-katavru ta' binthom minn wara ħġieġa. Jaffermaw illi dakinhar binthom kienet għadha liebsa l-ħwejjeġ li kellha fuqha meta seħħ l-inċident, filwaqt li rasha kienet mgħotijja. L-għada raw lil binthom mill-viċin ġewwa l-kamra mortwarja, u dakinhar il-katavru kien jinsab wiċċu 'l isfel fuq irħama, mingħajr ħwejjeġ, filwaqt li r-ras kienet mgħottija b'liżar, u fil-fatt kienu ġew mwaqqfa milli jikxfu l-parti ta' ras binthom minħabba l-ġrieħi.

46. Spjegat ukoll illi huma raw xi grif, tbenġil, il-marki tat-*tyre* fuq darha, u anke kellha riġlejha l-leminija miksura però' stqarret illi l-ġisem kien intatt. Illi skont ir-rapport a fol 104 *et seq*., jidher illi bint l-appellanti kellha "*extensive multiple injuries due to MVA"* u li *ex post facto* mill-investigazzjonijiet li saru wara li Andrea Marino mill-Ambaxxata Taljana għan-nom tal-appellanti ssenjala lill-uffiċjali relattivi tal-Isptar Mater Dei illi bint l-appellanti kienet midfuna b'*body bag*, jirriżulta illi tali deċiżjoni

ttieħdet minħabba raġunijiet etiċi. Il-Qorti tagħraf illi r-rapport fuq imsemmi, jillimita li jiddeskrivi l-ġrieħi bħala estensivi iżda huwa minnu kif indikat mill-appellanti illi ma ġie prodott l-ebda rapport li joffri informazzjoni dettaljata ta' dawn il-ġrieħi. Fil-fatt għajr dak rilevat mill-appellanti fl-affidavit rispettiv tagħhom u x-xhieda ta' John Cassar, ma nġabux provi ulterjuri fir-rigward tal-qagħda tal-katavru.

47. Din il-Qorti qieset bir-reqqa dak rilevat mill-partijiet, u għarblet sew il-provi in atti, u minkejja li l-appellanti għandhom raġun jaffermaw illi ma ġie prodott l-ebda rapport li joffri informazzjoni dettaljata ta' dawn il-ġrieħi, din il-Qorti ma tistax tiskarta t-testimonjanza ta' John Cassar, li effettivament ra l-katavru ta' bint l-appellanti *a tempo vergine* fuq il-post tal-inċident. Għalkemm din il-Qorti ma kellhiex l-opportunità li tisma' *viva voce* t-testimonjanza tal-imsemmi Cassar, setgħet tipperċepixxi illi x-xhud kien qiegħed ikun prudenti u rispettuż fid-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Min-naħa l-oħra, l-appellanti kellhom biss ħin limitat fil-kamra mortwarja fejn il-katavru ta' binthom li kien wiċċu 'l isfel, però d-dehra kienet tant illi l-appellanta impressjonat ruħha konsiderevolment. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-verżjoni ta' John Cassar hija waħda aktar attendibbli tal-istat tal-katavru, anke tenut kont tan-natura tal-impatt li wassal għall-mewt ta' bint l-appellanti. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-analiżi li għamlet fir-rigward ta' dan l-aspett.

48. Għalhekk ma tqisx illi dan il-parti ta' dan l-aggravju huwa fondat.

*Apprezzament żbaljat dwar id-deċiżjoni li l-katavru ta' bint l-appellanti ma jitlibbisx.*

49. Mit-testimonjanza tal-adetti tal-kamra mortwarja jirriżulta illi katavru jiġi mlibbes esklussivament minnhom u li dawn il-ħaddiema, minħabba raġunijiet etiċi huma preklużi milli jkollhom kwalsiasi kuntatt jew komunikazzjoni mal-familjari u l-qraba tal-mejta. Huwa fatt indiskuss illi l-katavru ta' bint l-appellanti ma ġiex imlibbes. Illi skont l-*internal SOP for Mortuary and Anatomic Pathology Staff,* partikolarment klawsola 7.6.2, meta katavru ma jkunx jista' jiġi mlibbes, il-familja għandha tiġi mgħarrfa b'dan mill-kummissjonat. Ġie wkoll stabbilit illi meta jkun possibbli li jitlibbes katavru dan isir mill-impjegati fi ħdan il-kamra mortwarja u mhux mill-kummissjonant, b'dana illi dan tal-aħħar jgħaddi biss il-ħwejjeġ li għandu jitlibbes il-katavru lill-imsemmija impjegati.

50. Il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti l-impjegati tal-kamra mortwarja spjegaw illi l-kummisjonanta u ċjoè Anna Falzon, ġiet infurmata b'dan minn xi ħadd minnhom, iżda ħadd minnhom ma indika b'mod definittiv min minnhom infurmaha b'dan. Fil-fatt din kienet is-sostanza tax-xhieda ta' Clive Lanzon u Kenneth Ciantar. John Cassar min-naħa l-oħra fit-testimonjanza tiegħu tal-5 ta' Mejju 2022,

afferma illi hu ma jiftakarx jekk il-komunikazzjoni mal-kummissjonata kinitx miegħu direttament jew mal-kollegi. Lanqas ma ġew esebiti dokumentazzjoni li effettivament tindika min u meta informa lil Anna Falzon b’dan. Da parti tagħha Falzon xehdet illi hi ngħatat informazzjoni li t-tebut ser joħroġ magħluq iżda ma ġiet mgħarrfa b’xejn fir-rigward l-ilbies.

51. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi jidher illi “somewhere along the line” din l-informazzjoni, u ċjoe li ġisem bint l-appellanti ma setax jitlibbes għar-raġunijiet imsemmija aktar ‘il fuq fis-sentenza ma waslitx għand l-appellanti. Mill-provi in atti jidher illi dan il-kompitu jappartjeni lill-kummissjonanta li però xehdet illi hi ma ngħatatx din l-informazzjoni. L-impjegati involuti min-naħa l-oħra filwaqt illi affermaw illi huma ma jistax ikollhom komunikazzjoni mal-familjari, xehdu illi qalu illi xi ħadd minnhom kien informa lill-kummissjonanta b’dan, però ħadd minnhom ma indika minn effettivament wassal tali informazzjoni. Lanqas ma jidher illi hemm rendikont ta’ dak li effettivament ġara f’dan il-każ, għaliex it-testimonjanza tal-impjegati tal-kamra mortwarja, kienet waħda relattivament ġenerika, u ftit li xejn ingħatat informazzjoni dwar il-*fattspecie* partikolari ta’ dan il-każ. Lanqas ma ġiet esebita dokumentazzjoni jew xi tip ta’ *logs* ta’ dak li ġara minn entrambi l-partijiet.

52. Madankollu din hija kawża ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali, u din l-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija tal-fehma illi tali nuqqas kien ta' min kien mhuwiex tenut kont taċ-ċirkostanżi talment gravi illi jissarraf fi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Veru kien hemm nuqqas ta' informazzjoni ċara lill-ġenituri li binthom ma kinitx ser tiġi midfuna fil-ħwejjeġ li pprovdew. Nuqqas li wassal għal skoperta għall-għarrieda meta nfetaħ it-tebut għal raġunijiet mhux konnessi mal-kawża, sabu lil binthom midfuna ġo *body bag* u li fetħitilhom ġerħa mill-ġdid. Jekk din il-ġerħa kinitx tali li tipprovoka l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ser jitqies fit-tielet aggravju.

53. Għalhekk dana l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud fl-interità tiegħu.

*It-Tielet Aggravju*

54. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jikkontendu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet illi d-drittijiet fundamentali tal-appellanti hekk kif protetti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma ġewx leżi. Jaffermaw illi l-addetti tal-isptar naqsu mid-dmirijiet tagħhom u kienu negliġenti f'għemilhom meta ma nfurmawx lill-appellanti b'dak li ġara, speċjalment għaliex l-appellanti kienu diġà raw il-katavru ta' binthom.

Iżidu illi l-mod kif il-katavru ta' binthom ġie mkeffen huwa totalment oppost għal dak li tippriedka r-Reliġjon Kattolika Rumana, li teżiġi tkeffin li jrid ikun b'rispett. Lanqas ma jaqblu mal-Ewwel Qorti meta rriteniet illi l-addetti tal-isptar għamlu dak kollu fil-poter tagħhom sabiex jippriservaw il-katavru bl-aqwa mod possibbli, anzi għamlu dak kollu li ma kellhomx jagħmlu.

55. L-Avukat tal-Istat jgħid illi dana l-aggravju mhuwiex dirett lejh però sostna illi fil-każ odjern bl-ebda mod ma jista' jingħad illi l-appellanti kienu mfixkla mit-tgawdija tal-libertà sħiħa tal-kuxjenza. Isostnu illi l-fatt waħdu l-katavru ma ġiex imlibbes ma jfissirx li l-appellanti kienu mfixkla milli jimmanifestaw it-twemmin tagħhom. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma rriskontratx ksur tad-drittijiet ċitati mill-appellanti. L-appellati l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u l-Ministru Responsabbli għas-Saħħa jirrespinġu kwalsiasi allegazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali.

56. Anna Falzon da parti tagħha tirrileva illi fi procedura ta' indoli kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali m'għandhiex il-mansjoni li tħallas danni u li l-Qorti Kostituzzjonali m'għandhiex tiġi konvertita f'veikolu li jissostitwixxi l-qrati ordinarji sabiex jiġu rkuprati danni li altrimenti ma jkunux dovuti u/jew ikunu preskritti.

57. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Il-lanjanza tal-atturi hija fis-sens illi ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom kif dawn jinsabu mħarsa taħt l-Artikoli 32(ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll a tenur tal-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni.*

*Omissis*

*Wara li xtarret bir-reqqa x-xhieda tal-addetti għall-kamra mortwarja u dik ukoll tal-konvenuta Falzon fir-rigward ta' liema lanqas biss sar kontro-eżami, il-Qorti tqis illi anki jekk forsi l-familjari ma ġewx infurmati bil-fatt li Boni ma ġietx imlibbsa kif xtaqu huma, dan in-nuqqas mhux tali li jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Għall-kuntrarju, tqis illi tali ommissjoni ma kienitx ir-riżultat ta' xi nuqqas iżda sempliċement ġest ta' rieda tajba biex il-ġenituri ta' Boni li tant riedu li binthom tindifen fil-ħwejjeġ li pprovdew, jiġu evitati l-piena u weġgħa ulterjuri li jisimgħu li binthom lanqas biss setgħet titlibbes. Rigwardanti l-fatt li l-hwejjeg instabu f'rokna tat-tebut, il-Qorti tifhem illi verosimili li dawn kienu originarjament mifruxa fuq il-katavru u resqu lejn ir-rokna meta t-tebut tnizzel fil-qabar. Huwa ben maghruf li t-tebut ma jitnizzilx catt izda arbulat.*

*Tqis għalhekk illi l-atturi ma ġarrbu ebda leżjoni tad-drittijiet tagħhom kif dawn jinsabu imħarsa taħt l-Artikolu 36(1) talKostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

*Allegat leżjoni tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.*

58. Din il-Qorti tirribadixxi illi l-garanzija kontra t-tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti hija sagrosanta. Illi l-obbligu assolut ta' Stat li jipproteġi kull individwu taħt il-ġurisidizzjoni tiegħu minn tali

trattament huwa inkontestat. Illi fil-fatt fid-dritt internazzjonali dan huwa magħruf bħala *peremptory norm* jew *jus cogens,* u ċjoè norma internazzjonali illi ma tagħraf l-ebda deroga. Illi *inoltre* din il-projbizzjoni hija waħda mill-ftit illi joħolqu obbligazzjonijiet *erga omnes* għal kull Stat, u ċjoè obbligazzjoni li Stat għandu fil-konfront tal-komunità internazzjonali sħiħa.[2]

59. Għalkemm tradizzjonalment l-Artikolu 3 kien applikabbli f'kuntest fejn it-trattament jew il-piena kienu imposti mill-organi tal-istat jew minn xi awtorità pubblika, maż-żmien sar żvilupp importanti billi l-kriterji applikabbli għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 ġew estiżi. Fil-fatt, kif korrettement rilevat mill-Ewwel Qorti illi *"the human quality is extinguished on death and, therefore, the prohibition on ill-treatment is no longer applicable to corpses. However, the treatment of dead bodies has given rise to a violation of Article 3 with respect to the deceased's relatives."* [3]

60. Ġie ritenut illi: *"The Court's task is therefore to ascertain whether, in view of the specific circumstances of the case, the applicants' suffering had a dimension capable of bringing it within the scope of Article 3 of the*

---

[2] Ara **Prosecutor v. Anto Furundzija**, ICTY Decision of December 1998, par. 151; I.C.J. Reports, 1970, **Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited (Belgium v. Spain)** (1962–1970), Second Phase, Judgment, I.C.J Reports 1970.

[3] Ara Guide on Article 3 of the European Convention of Human Rights, Kapitolu II The prohibition of torture, inhuman or degrading treatment or punishment, inflicted or facilitated by State agents, Sezzjoni H intolata The suffering of the victim's relatives, punt numru 4 intotolat Treatment of dead bodies, 1st Edition, 31st August 2022, pubblikat mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pġ. 18.

*Convention."* [4] F'***Cangoz and others vs Turkey***[5] il-Qorti fi Strasburgu affermat illi:

> *"The Court cannot find that the circumstances give the applicants' suffering a dimension and character distinct from the emotional distress which may be regarded as inevitably caused to any family member of a deceased person in a comparable situation. The Court is therefore unable to find a violation of Article 3 of the Convention."*

61. Filwaqt illi din il-Qorti żżomm ferm mal-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fil-mertu tal-aggravji preċedenti, tqis illi l-insenjament **Cangoz** isib applikazzjoni għall-każ odjern. Filwaqt illi din il-Qorti tagħder lill-appellanti għat-telfa ta' binthom, hija l-fehma konsiderata tagħha illi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern mhumiex tali illi jagħtu lis-sofferenza tal-appellanti dimensjoni li hija "*capable of bringing it within the scope of Article 3 of the Convention."* Ma jidhirx li hemm allegazzjoni ta' xi vjolazzjoni fuq il-ġisem ta' bint l-appellanti jew li ġiet midfuna bl-addoċċ. Il-*body bag* kien neċessarju minħabba l-ġrieħi u billi ma setgħetx tintlibes ħwejjeġ, bint l-appellanti kellha tiġi mkeffna f'materjal protettiv.

*L-Artikolu 40(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni*

62. Fir-rigward l-allegazzjoni illi l-appellanti kienu mxekkla fil-jedd tagħhom għall-qima reliġjuża, din il-Qorti rat illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi:

> *"F'dan il-każ iċ-ċirkostanzi ferm sfortunati ma ppermettewx li l-katavru jitlibbes biss b'daqshekk żgur illi ma jistax jingħad li l-atturi ġew imxekkla*

---

[4] ***Erdoğan and Others vs Turkey*** 25 April 2006.

[5]

> *fil-jedd tagħhom għall-qima reliġjuża aktar u aktar meta mill-provi jirriżulta li l-vittma ngħatat l-aħħar tislima kif xieraq billi saritilha quddies presente cadavere u wara ttieħdet għad-difna fil-qabar tal-familja. Tiċħad għalhekk kull talba tal-atturi dwar leżjoni tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikoli 40(1) tal-Kostituzjoni u l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni."*

63. L-appellanti jaffermaw illi l-leżjoni minnhom lamentata f'dan il-kuntest ma kinitx tirrigwarda biss is-suġġett tal-quddiesa iżda primarjament it-tkeffin tal-katavru u d-difna. Sabiex jissostanzjaw dan l-ilment tagħhom, l-appellanti produċew lil Fr Brandon Gatt bħala xhud, fejn spjega illi d-dfin hu regolat bil-liġi kanonika Canon 1176 b'dana illi l-aħħar struzzjonijiet ħarġu nhar il-15 ta' Awwissu 2016 li tirregola d-distinzjoni bejn difna u kremazzjoni. Żied illi għall-insara l-ġisem mejjet huwa t-tempju tal-Ispirtu s-Santu u li jrid jiġi trattat b'qima u rispett. (Ara xhieda a fol 97 *et seq*., tal-atti). Il-Qorti rat ukoll id-dokument immarkat Dok BG 1 a fol 88 tal-atti.

64. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak rilevat mill-appellanti fir-rikors tal-appell illi ġisem binthom ġie maltrattat. Din il-Qorti setgħet faċilment tifhem mit-testimonjanza ta' John Cassar ir-rispett li bih jeżegwixxu xogħolhom, u għalhekk tqis illi huwa inverosimili illi dak li sfortunatament kellu jsir fil-każ odjern lill-katavru ta' bint l-appellanti, kien motivat b'negliġenza, nuqqas ta' rispett jew agħar b'xi sens ta' malizja, u lanqas ma tqis illi l-appellanti ġew imxekkla fl-eżerċizzju tal-jedd tagħhom għal difna xierqa. Mill-provi jirriżulta illi bint l-appellanti ngħatat funeral bir-rit

tal-quddiesa, liema ċelebrazzjoni kienet segwita b'difna ġewwa ċimiterju. Kemm mid-dokument in atti u kif ukoll mit-testimonjanza ta' Fr Brendan Gatt ma jirriżultax illi sabiex difna tkun konformi mad-dettami tar-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana jeħtieġ illi l-ġisem għandu jkun akkost ta' kollox mlibbes, iżda spjega biss illi l-ġisem kemm f'difna u kemm jekk ġisem ikun kremat, għandu jkun trattat b'rispett u qima. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fiċ-ċirkostanzi partikolari u traġiċi ta' dan il-każ, il-fatt waħdu illi ġisem bint l-appellanti ma kienx imlibbes, ma jilledi l-ebda dritt fundamentali tal-appellanti *stante* li bint l-appellanti ngħatat funeral u difna kif tistħoq u skont id-dettami tar-reliġjon li hi u l-appellanti jħaddnu. Id-deċiżjoni li ġisem bint l-appellanti tqiegħed *f'body bag* appożitu kienet waħda dettata miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, b'dana illi l-ġisem ma tħalliex għeri jew ġie mgeżwer bla sens ta' rispett.

65. Għalhekk din il-Qorti ma tirriskontrax leżjoni ta' dan id-dritt, anke peress illi huwa l-istess Artikolu 9 tal-Konvenzjon u l-Artikolu 40(3) tal-Kostituzzjoni li jippermettu illi jista' jkun hemm xi limitazzjonijiet imposti fuq tali dritt fiċ-ċirkostanzi ċirkoskritti.

*L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni*

66. B'rabta mal-allegazzjoni ta' leżjoni abbażi tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-Ewwel Qorti rriteniet illi:

*"Kwantu l-kwistjoni ta' dannu għar-reputazzjoni, l-Qorti tqis illi dan l-aspett tad-dritt ċitat la ġie adegwatament trattat u wisq inqas sostanzjat bi provi konkreti. Ferm il-premess u abbinati l-prinċipji ta' dritt għall-fatti kif esposti, din il-Qorti ssib illi l-atturi ma ġarrbu ebda leżjoni kif minnhom pretiż. Konsegwentement ma hemmx lok għall-Qorti li tinoltra fil-mertu tal-bqija tat-talbiet kif dedotti."*

67. L-appellanti jaffermaw illi l-Ewwel Qorti ma rriskontrat l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għaliex rabtet tali konklużjoni mal-fatt illli fil-fehma tagħha l-addetti tal-isptar għamlu dak kollu fil-poter tagħhom versu l-katavru ta' bint l-appellanti. Filwaqt li huma jiċħdu dan, isostnu illi r-reputazzjoni u s-sentimenti tagħhom kienu serjament danneġġjati minħabba d-diżrispett li bih ġie trattat il-katavru ta' binthom.

68. Il-Qorti Ewropea fi Strasburg minn dejjem kienet ċara illi: *"Dealing appropriately with the dead out of respect for the feelings of the deceased's relatives falls within the scope of Article 8."* [6] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-appellanti jagħmlu referenza għad-deċizjoni fl-ismijiet ***Pannullo u Forte kontra Franza***, u jirrilevaw illi dan il-każ huwa simili ħafna għall-każ odjern. Il-Qorti ma tikkondividix dan il-ħsieb *stante* li ***Pannullo u Forte,*** kien jikkonċerna r-ritorn ta' ġisem bint il-partijiet li kellha erba' snin u li mietet fi sptar. Jidher illi l-awtoritajiet ikkonċernati kienu damu biex jirritornaw il-katavru wara l-awtopsja u dan minkejja li

[6] Ara **Genner kontra l-Awstrija** deċiża nhar it-12 ta' Jannar 2016.

ma kienx hemm il-ħtieġa li ġisem jibqa' jinżamm mill-awtoritajiet, b'dana illi l-Qorti sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 8.

69. Filwaqt illi din il-Qorti tikkonċedi s-sentimenti tal-appellanti kienu indubbjament imweġġa' bil-mod ta' kif l-appellanti skoprew dak li effettivament kien ġara u li dak li kien mingħalihom li seħħ ma kien minnu xejn, il-Qorti wara li reġgħet eżaminat l-atti, ma tqisx illi l-appellanti produċew provi illi huma effettivament juru li huma ġarrbu xi danni għar-reputazzjoni kif minnhom senjalat akkawża ta' kif żvolġew iċ-ċirkostanzi marbuta mad-dfin ta' binthom u l-mod ta' kif skoprew dak li ġara ftit tas-snin wara. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-osservazzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

70. Għalhekk ma tqisx illi dana l-aggravju huwa fondat.

*Ir-Raba' Aggravju:*

71. Permezz ta' dana l-aggrvaju, l-appellanti jikkontendu illi huma jħossuhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi għandhom ikunu huma li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż. Rieda tajba jew le jsostnu illi l-appellanti ma mxewx mal-*policies in vigore.* Min-naħa l-oħra, l-appellati jaffermaw illi għandha tkun il-parti telliefa li tiġi kkundannata tħallas l-

ispejjeż relatati mal-kawża kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

72. L-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> *"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*
>
> *(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."*

73. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-Artikolu ġie spjegat illi:

> *"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*
>
> *Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja malparti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel lispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi lkaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu lebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex*

*taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

74. Tenut kont ta' dak su-ċitat, din il-Qorti tqis illi dana l-aggravju wkoll mhuwiex fondat.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti; tilqa' l-appell inċidentali ta' Anna Falzon bl-ispejjeż tagħha quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti jbatuhom il-konjuġi Boni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss